# Tim Nazzjonali jintgħażel għall-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling ta' 2023

*4 persuni – żewġt irġiel u nisa – intgħażlu biex jirrappreżentaw lil Tim Malta fl-MBC 2023 wara kompetizzjoni lokali.*

Wara tlett ijiem u 24 logħob, it-tim nazzjonali ta' Malta tal-bowling ġie magħżul għall-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling (MBC) 2023. L-iskwadra hija magħmula mill-atleti li klassifikaw fl-ewwel żewġ postijiet mill-irġiel u nisa wara 24 logħba li ġew imħejjija speċifikament għal dan il-kampjonat prestiġjuż.

Fost l-irġiel, iż-żagħżugħ ta' 15-il sena, Kayden Laganà, beda u spiċċa din il-kompetizzjoni fl-ewwel post fost l-aqwa bowlers irġiel fil-gżejjer Maltin. Laganà spiċċa b'punteġġ medju tremend ta' 217.46. Mauro Anastasi spiċċa fit-tieni post sabiex jerġa' jikkonferma ruħu fl-iskwadra ta' Tim Malta għall-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling għal sena oħra konsekkuttiva. Anastasi temm b'skor medju ta' 215.50.

Fil-kategorija tan-nisa, Sue Abela wkoll żammet ruħha fl-ewwel post mill-bidu sal-aħħar b'punteġġ medju ta' 200.83 fl-24 logħob ta' kwalifikazzjoni; hi spiċċat tkun l-unika mara biex tispiċċa b'punteġġ medju fuq 200. F'din il-kompetizzjoni, Cynthia Frendo Duca baqgħet fit-tieni post bl-istess mod. Frendo Duca rnexxielha żżomm postha f'Tim Malta għall-MBC u tispera li terġa tgħin lil Tim Malta tirbaħ medalji dis-sena bħal kif għamlet is-sena l-oħra – fl-MBC tal-2022, hi rebħet midalja tal-fidda ma' Melissa Swift fl-event tal-Female Doubles.

Il-25 edizzjoni tal-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling (MBC) se ssir dis-sena f'San Marino f'Mejju 2023.

# National Team Selected for 2023 Mediterranean Bowling Championships

*4 persons – two men and two women – were selected to represent Team Malta for the MBC 2023 after a local qualifying tournament.*

After a qualifying tournament worth 24 games, Team Malta for this year's Mediterranean Bowling Championships (MBC 2023) was selected. It shall comprise of the top two men and women from this qualifying tournament: Kayden Laganà, Mauro Anastasi, Sue Abela, and Cynthia Frendo Duca.

Amongst the males, 15-year-old Kayden Laganà lead the field after each and all 3 days of play while after averaging a score of 217.46 throughout. The second man in was Mauro Anastasi who averaged 215.50 after 24 games. Anastasi was also selected for Team Malta for last year's Mediterranean Bowling Championships.

In the female category, Sue Abela lead the way from start to finish – just like her Team Brunswick teammate Laganà did. Abela averaged 200.83 and was the only woman to finish with an average over 200 in this qualifying tournament. Over the weekend, Cynthia Frendo Duca retained second place throughout to secure her place in San Marino where the 25th edition of the MBC will be held this year. Frendo Duca averaged 184.00 at the end of the tough tournament and will hope to reap similar success at the MBC 2023 to last year where she won a silver medal in the Female Doubles Event alongside Melissa Swift.

The 25th edition of the Mediterranean Bowling Championships this year shall commence in San Marino this coming May.